# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 58

9 ta' Diċembru 2022

It-tmienja u ħamsin (58) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2022 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 58.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

58.1.1. Is-Sindku ressaq ittra ta' apoloġija tas-Sa Sandra Sammut Hili li nformat li ma setgħetx tattendi minħabba li tinsab imweġġa'. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija u awguralha fejqan ta' malajr.

### 58.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

58.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tas-sitta u ħamsin (56) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

58.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, AD, VB, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

58.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 56.2.4 rigward ix-xogħol fi Triq Vilhena, ħdejn l-Ambaxxata Taljana, u staqsa jekk kienx hemm ħjiel dwar l-ispiża li ser iħallas il-Kunsill. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx total preċiż biss grazzi għall-ftehim li sar bejn il-kunsill u l-Public Works, il-Kunsill kien ser iħallas biss għall-materjal peress li x-xogħol kien ser isir b'xejn min-naħa tagħhom.

58.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 56.2.8.1 u staqsa jekk kienux ġew ordnati t-tabelli fi Triq San Franġisk. Is-SE wieġeb li għandhom jiġu ordnati dalwaqt.

58.2.4.1. Is-Sindku qal li hemm bżonn li ċertu tabelli jsiru fuq il-pole għax mhux dejjem ikun possibbli li jitwaħħlu mal-faċċati tad-djar tan-nies.

58.2.4.2. Is-Sindku VB għamel riferenza għal tabella li kien hemm fi Triq l-Iljun li kienet tneħħiet u għal tabella oħra li tinsab mgħottija bl-iscaffolding li ttella'. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'jista 'jsir.

58.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 56.2.8.3 u staqsa jekk kienux ġew ordnati t-tabelli biex in-nies ma jitimgħux wet food. Is-SE qal li kienu ġew ordnati però kien ġie mitlub jipprovdi template ta' kif il-Kunsill jixtieq li ssir it-tabella.

58.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 56.4.1 rigward il-kaptelli tat-Telgħa tal-Kurċifiss u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li kien tkellem ma' Transport Malta

fejn il-Kunsill kien issuġġerixxa li jsiru xi railings iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

58.2.6.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax isir xi tape aħmar u abjad temporanjament sabiex jiġi evitat li jsir xi inċident. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir dan sakemm tinstab soluzzjoni permanenti.

58.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 56.4.2 rigward iż-żabra tas-siġar fi Triq San Franġisk. Is-Sindku wieġeb li għandu jiltaqa' ma' xi ħadd tal-ambjent biex jara jekk tistax issir minnhom. Is-Sindku qal li hemm ukoll siġra mejta li trid titneħħa qabel ma taqa' u jkorri xi ħadd, kif ukoll rigward xi siġar oħra tal-oleander fi Pjazza Sir Luigi Preziosi, li wkoll iridu jitneħħew.

58.2.8. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk hemmx indikazzjoni meta ser issir iż-żabra fi Pjazza sir Luigi Preziosi peress li diversi residenti ilmentaw li dawn qed jagħttulhom il-veduta tal-port. Is-Sindku qal li dawn l-ilmenti kienu komuni biss is-siġar iridu jinżabru b'ċertu mod u mhux kif ġie ġie.

58.2.9. Is-Sindku għamel riferenza għas-siġar taż-żebbuġ li hemm fl-akwata u ppropona li l-Kunsill jara jekk isibx lil xi ħadd interessat jiġbor iż-żebbuġ u possibbilment jagħti xi fliexken lill-Kunsill biex idewwaqhom lin-nies. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

58.2.10. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-materja nru 56.2.9 u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward is-CCTV cameras. Is-SE wieġeb li kien informat li l-ERA kienu qed jagħmlu l-istudji tagħhom u li la jkollhom xi ħaġa ser jinformaw lill-Kunsill.

58.2.10.1. Is-Sindku VB qal li kien qed jirċievi diversi ilmenti rigward Triq San Franġisk u qal li hemm bżonn li jinqabad min qed jabbuża ħalli l-Pulizija jkunu jistgħu jieħdu passi. Il-Kunsill iddiskuta l-possibbiltà li jsiru kameras tas-sigurtà addizzjonali ladarba jkun hemm risposta mill-ERA.

58.2.11. Il-Kunsilliera JP qalet li kellha diversi ilmenti rigward rimi ta' skart maġenb il-magna tal-BCRS. Is-Sindku qal li f'dik iż-żona hemm kamera tal-Planning Authority li kienet tagħti fuq il-bring in sites u kienet bis-saħħa tagħha li l-Kunsill kien sar jaf li ġiet installata l-magna tal-BCRS.

58.2.11.1. Is-Sindku qal li l-post propost mil-Kunsill ma kienx ġie aċċettat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Il-Kunsill qabel li l-post fejn ġiet installata din il-magna ma kienx post tajjeb għar-residenti għax kien aċċessibbli biss bil-karozza.

58.2.11.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li tiġi installata magna tal-BCRS oħra fit-tarf ta' Ġnien il-Mall sabiex tkun iktar fil-qalba tal-lokalità.

58.2.12. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tas-sebgħa u ħamsin (57) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

58.2.13. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JP u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JP, AD, VB, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 58.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

58.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand persuna li talab il-permess tal-Kunsill sabiex juża l-kamra li hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li għandu japprova dan għal raġuni varji iżda primarjament għaliex dan ser ikun b'kompetizzjoni diretta mal-operatur tal-kjosk eżistenti.

58.3.1.1. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jara x'jista' jsir f'din iż-żona biex tibda' titgawda aħjar mill-pubbliku.

58.3.2. Is-Sindku għamel riferenza għal pjan li Triq l-Isqof Mauro Caruana tiġi pedonali. Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien ser jirċievi somma ta' €75,000 biex dan il-pjan ikun attwat.

58.3.2.1. Is-SE spjega t-tħassib tal-Perit a kwantu ta' kif ser jgħaddi t-traffiku. Huwa qal li kien spjega li t-traffiku mhux ser jiġi affetwat bl-għeluq ta' din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Perit tiġi fuq il-post sabiex il-materja tkun tista' tiġi diskussa aħjar.

58.3.2.2. Il-Kunsillier JAE semma xi tip ta' ġiebja li jkun sabiħ jekk jinfetaħ jekk jinstab. Huwa qal li jkun tajjeb li l-Kunsill jinforma b'dan meta jkunu qed isiru x-xogħolijiet f'din it-triq.

58.3.2.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem ma' sid il-garage li hemm f'dik it-triq u li għandu jiġbor il-firem tar-residenti kollha tat-triq, inkluż il-furnar. Il-Kunsill qabel li jitħalla wkoll aċċess f'każ t'emerġenza.

58.3.2.4. Il-Kunsill qabel li huwa importanti li ssir konsultazzjoni mar-residenti kollha u n-nies li jagħmlu użu minn din it-triq bħalma kien sar meta saret pedonali l-parti l-oħra tat-triq.

58.3.2.5. Is-Sindku qal li l-fondi kienu approvati u li l-Kunsill kien diġà ġie mogħti l-ewwel parti tas-somma.

58.3.2.6. Il-Kunsillier JAE staqsa x'materjal kien ser jintuża għall-art. Is-SE qal li għandu jibgħatlu d-dokumenti kollha għall-informazzjoni tiegħu.

58.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand persuna li talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jarma struttura u jkun jista' jinżel f'bokka ta' ġibjun li hemm bejn l-Istitut Kattoliku u Montgomery House. L-ispiża tammonta għal €500.

58.3.3.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax tintalab kopja tal-filmati u r-ritratti.

58.3.3.2. Il-Kunsillier JAE ppropona li ssir xi tabella li tindika li hemm xogħolijiet għaddejjin minħabba li kif inhi faċli jseħħ xi inċident.

58.3.3.3. Il-Kunsill iddiskuta li l' quddiem isir xi ħaġa sabiex jiġu esebiti r-ritratti u l-filmati ta' x'hemm taħt anke biex jiżdied il-prestiġju tal-lokalità.

58.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Ministru Owen Bonnici fejn informa li l-laqgħa mitluba mill-Kunsill ser tinżamm nhar id-9 ta' Jannar fil-11.30am. Is-SE talab lill-kunsilliera jikkonfermaw jekk humiex ġejjin sabiex ikun jista' jinforma lill-uffiċċju tal-Ministru.

58.3.5. Is-Sindku nforma li t-tender tal-ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali intrebaħ u l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-kuntrattur-il ġdid nhar l-Erbgħa sabiex jingħataw xi dettalji dwar kif ser jibda' jingħata s-servizz. Is-Sindku qal li huwa mistenni li jkun hemm xi ilmenti sakemm is-sistema u l-kuntratt jindera kemm min-naħa tal-kuntrattur kif ukoll min-naħa tar-residenti kemm minħabba l-bidla fl-iskeda u anke minħabba li l-kuntrattur irid jiġbor l-iskart ta' reġjun sħiħ.

58.3.5.1. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk it-tender hux ser ikopri il-ġabra ta' kull tip ta' borża. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

58.3.6. Is-SE ressaq talba mingħand l-istaff sabiex jiġġedded ammont ta' siegħat ta' leave għas-sena ta' wara. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

58.3.7. Is-SE għamel riferenza għall-bilanċ pendenti li l-Kurja għandha mal-Kunsill u issuġġerixxa li tintbagħat ittra legali mill-Avukat tal-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra uffiċjali.

58.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn informaw li kien ser jiġi introdott sit wieħed għall-kunsilli kollha u li għandhom isiru l-arranġamenti neċessarji biex jitneħħew is-siti individwali.

58.3.8.1. Il-Kunsillier JAE qal li ma jarax ir-raġuni għalfejn il-Kunsill għandu jneħħi s-sit tiegħu speċjalment meta kienu ntefqu fondi biex dan jiġi krejat u miżmum sew. Huwa qal li kif inhi bħalissa, l-avviżi u l-aġġornamenti lokali jista' jaqbad u jagħmilhom il-Kunsill u li s-sit kif inhu huwa llinkjat ukoll ma' social media oħra tal-Kunsill. Sfortunatament m'hemmx biżżejjed informazzjoni ta' kif ser jopera dan is-sit il-ġdid u jekk hux ser ikollu l-istess funzjonijiet li għandu s-sit preżenti.

58.3.8.2. Il-Viċi Sindku AD qal li tinkwetah l-uniformità għax tissoffoka lill-kunsilli lokali milli jkunu individwali u oriġinali.

58.3.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob iktar informazzjoni anke mingħand ir-reġjun.

58.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Stephen Tonna fejn offra lill-Kunsill biex b'mod konġunt tiġi organizzata attività f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb iħallas it-trasport, ladarba l-Kunsill ma kienx ser jorganizza attività simili.

58.3.10. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta sabiex jittella' kunċert tal-Milied b'mod konġunt. Il-Kunsill qabel li għandu juża l-fondi li rċieva mill-iskema tal-Milied sabiex jorganizza dan il-kunċert b'mod konġunt.

58.3.11. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand l-organizzaturi ta' Premju Żagħżugħ tas-Sena fejn informa li l-premju ta' din is-sena kien ġie kanċellat minħabba li ma kienx hemm konkorrenza xierqa.

58.3.12. Is-Sindku VB informa lill-Kunsill li kienu ntalbu tliet kwotazzjonijiet biex jitneħħa l-ħaxix ħażin minn ħdejn it-taraġ li hemm ħdejn Ġnien il-Kapuċċini u mill-Polverista. Il-Kunsill qabel li għandu jilqa' l-orħos kwotazzjoni li tammonta għal €1,100 + VAT u li dan is-servizz jingħata kull tliet xhur għal total ta' €4,400 kull sena.

## 58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

58.4.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-fanali ta' fuq il-Fosos u staqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza dwar fejn jinsabu merfugħin dawn il-fanali. Il-Viċi Sindku AD qal li jinsab infurmat li hemm tnejn għand l-Enemalta iżda l-kumplament jidher li ħadd ma jaf fejn huma merfugħin.

58.4.1.1. Il-Kunsillier JAE qal li fiż-żmien kien hemm il-ħsieb li ssir replika tal-fanal oriġinali u li jitwaħħlu repliki biex il-ħsara tal-elementi ma ssirx fuq l-oriġinali imma ssir fuq ir-replika.

58.4.1.2. Il-Viċi Sindku AD qal li ser jitlob lill-istreet Management sabiex jingħata aċċess u jkun jista' jidħol huwa stess u jara jekk kienux qegħdin hemm.

58.4.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-kwistjoni tal-ħamiem. Is-Sindku qal li l-proċess kien beda' biss il-proċess jieħu ż-żmien.

58.4.2.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk hemmx informazzjoni kemm għalf, jew kemm il-borża, ingħataw lill-ħamiem minn kemm ilu li beda' l-proċess. Is-Sindku qal li m'għandux tali informazzjoni iżda l-Kunsill seta' jitlob din l-informazzjoni.

58.4.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill għandux informazzjoni fuq meta se jsir ix-xogħol fi Triq Antonio Agius, Triq il-Fosos, eċċ. Is-Sindku qal li m'hemmx informazzjoni fuq dawn it-toroq iżda x-xogħol fi Pjazza Sir Luigi Preziosi ser jibda' f'Jannar.

58.4.3.1. Il-Kunsillier JAE qal li kien qed jinġema l-ilma f'dawn l-akwati u jidħol għand in-nies. Huwa kompla billi qal li jidher li l-kawża hi li m'hemmx sprall biex jiskula l-ilma. Għalhekk issuġġerixxa li jekk din iż-żona ser tinqala', il-Kunsill jitlob li ssir sistema ta' spralli biex tissolva din il-problema. Huwa ssuġġerixxa li jsir ix-xogħol neċessarju biex jekk il' quddiem issir konnettività, ikun hemm kollox aċċessibbli u t-triq ma jkunx hemm bżonn li terġa' tinqala'.

58.4.3.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Perit sabiex jara x'jista' jsir.

58.4.4. Il-Viċi Sindku AD staqsa għalfejn hemm double yellow line quddiem il-parapett li hemm maġenb iċ-Chick King. Is-Sindku wieġeb li r-raġuni hi jekk jipparkja xi ħadd hemm, ikun wisq 'il barra u possibbilment jinħoloq xi aċċident.

58.4.5. Il-Viċi Sindku AD qal li ġie avviċinata minn xi persuni f'isem Floriana Ajax biex kull nhar ta' Ġimgħa, jikru spazju ta' parkeġġ għal tliet siegħat faċċata tal-klabb fi Triq il-Konservatorju, peress li jkollhom il-logħob. Is-SE qal li spazju ta' parkeġġ jista' jiġi riservat biss għall-makkinarju u li meta jkun hemm attività, suppost tingħalaq it-triq u jkun hemm uffiċjal. Il-klabb jista' japplika għal attività u jsegwi l-kundizzjonijiet ta' attività.

## 58.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

58.5.1. Ma kien hemm l-ebda rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 58.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

58.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 43/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

58.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

58.6.1.2. Is-SE nforma lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin kien ser ikun hemm bżonn li jinħareġ il-pagament għall-isticker ta' mal-vettura tal-Kunsill li jammonta għal €129. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**Nota: 19:16 Is-Sindku VB talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku AD mexxa l-laqgħa fl-assenza tas-Sindku.**

## 58.7 Attivitajiet tal-Milied

58.7.1. Is-SE qal li l-Kunsill kien applika għall-iskema tal-attivitajiet tal-Milied u kien irċieva €9000 f'fondi. Peress li l-approvazzjoni ingħatat xi ftit tal-jiem qabel, il-Kunsill kien limitat peress li ħafna mis-suppliers kienu diġà fully booked. Il-Kunsill għamel mill-aħjar biex l-attivitajiet ikunu mqassmin fuq ġranet u postijiet differenti, inkluż banda li daqqet nhar il-11 ta' Diċembru 2022.

58.7.2. Il-Kunsillier JAE ppropona li jsir kor tat-tfal. Is-SE qal li din kienet ġiet ssuġġerita mill-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta u se jkun hemm ukoll kwartett. Din ser issir fit-22 ta' Diċembru 2022.

58.7.3. Is-SE qal li ser ikun hemm ukoll fold band li ddoqq fl-attività li ser tittella' għall-anzjani nhar l-20 ta' Diċembru 2022. Is-SE kompla billi qal li talbu li l-attività ssir fil-Floriana Senior Citizens Centre sabiex tkun fuq ġewwa.

<u>**Nota: 19:19 Is-Sindku VB irritorna għal-laqgħa u kompla jmexxi l-laqgħa.**</u>

58.7.4. Is-SE kompla billi qal li l-Kunsill kien talab li l-attività ssir fil-home iżda minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid, dan ma kienx ser ikun possibbli. Għalhekk il-Kunsill kien stieden lil dawk l-anzjani li qegħdin ġol-home sabiex jekk iridu, jkunu jistgħu jattendu għall-attività fil-Floriana Senior Citizens centre.

58.7.5. Is-SE kompla billi qal li kien ser jiġi organizzat tour bil-vintage bus fin-nofstanhar ta' filgħodu dakinhar stess tal-attività.

58.7.6. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jipprova jamalgama l-banda mal-purċissjoni tal-Bambin. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi lil tal-M.U.S.E.U.M. x'hemm preparat biex b'hekk tkun tista' ssir kordinazzjoni.

58.7.7. Is-SE nforma li ser issir ukoll attività għat-tfal fil-bandli nhar is-7 ta' Jannar 2022.

58.7.8. Il-Kunsillier JAE ppropona li s-sena d-dieħla, il-Kunsill jibda' jaħseb kmieni ħalli jkun hemm programm tajjeb u maħsub kif jixtieq il-Kunsill.

58.7.9. Is-Sindku qal li meta l-Kunsill jippjana, għandu jipprova jżomm f'moħħu sabiex jinvesti f'affarijiet li jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw drabi oħra fil-futur.

58.7.10. Is-Sindku qal li d-dawl tal-Milied għadu ma bediex jintrama' mill-kuntrattur minkejja li l-Kunsill kien ilu ħafna jiġri warajh u jipprova jikkuntattjah. Huwa qal li dan il-kuntrattur kien ħadem lill-Kunsill għal diversi snin u għalhekk ma setax jifhem x'kienet ir-raġuni għal dan id-dewmien.

58.7.10.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-fondi setgħux jintużaw għad-dawl tal-Milied. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

58.7.10.2. Il-Kunsill qabel li jekk jibqa' ma jagħmilx kuntatt miegħu, għandu jieħu ħsieb joħroġ stqarrija sabiex jispjega x'inhu jiġri.

58.7.11. Il-Viċi Sindku AD ppropona li l-Ħadd filgħodu, hu flimkien ma' sħabu l-kunsilliera jżuru lill-anzjani li ma jkollhom lil ħadd u jkunu waħedhom. Is-SE qal li wieħed irid joqgħod attent minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid. Huwa kompla billi qal li bħalma jagħmel ta' kull sena, il-Kunsill xtara rigal ċkejken tal-Milied lill-anzjani tal-Home li għandu jiġi preżentat fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku stieden lill-Viċi Sindku sabiex imur miegħu dakinhar, dejjem jekk jitħallew jidħlu t-tnejn flimkien.

## 58.8 Festa Liturġika ta' San Publju;

58.8.1. Is-Sindku nforma li bħalma jsir ta' kull sena, ser jiġi organizzat festin għall-okkażjoni tal-festa liturġika f'Jannar. Huwa kompla billi qal li dakinhar jingħataw unuri lill-eks kunsilliera u staff. Il-Kunsill qabel li l-festin isir il-Ġimgħa jew is-Sibt.

58.8.2. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi aġġornata l-lista tal-invitati għaliex kien hemm diversi kambjamenti, u li magħha għandu jiżdied il-President tar-Reġjun Port.

## 58.9 Data għal-laqgħa Annwali tal-lokalità

58.9.1. Is-Sindku qal li l-laqgħa annwali trid issir sal-15 ta' Diċembru iżda ġieli saret fl-istess ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill.

58.9.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa annwali għandha tinżamm nhar l-10 ta' Jannar 2023 fis-7pm. Is-Sindku talab li l-accountant ikun preżenti.

## 58.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

58.10.1. Il-laqgħa intemmet fit-7.45pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2022 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum It-Tlieta 10 ta' Jannar 2023**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Vincent Borg<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |